TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 9/2029**

Data: Il-Ħamis, 13 ta' Frar 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 96 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | | Skużata |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Eżekuttiv | Segretarju | Preżenti |

**9.1 Ittri ta' apoloġija**

9.1.1 Is-Sindku semma li is-Sa. Darlene Vella u s-Sa. Anabelle Marmara. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli tniżlu skużati.

**9.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 8**

9.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.8 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**9.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 8**

9.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Dasier Damato u s-Sa. Nicole Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Jannar 2025 u -13 ta' Frar 2025 li kienet tammonta għal €57,022.10.

9.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 8

| | |
|---|---|
| **9.4.1 Post vakant fi skala 17 – Ground Supervisor** | Is-Sindku semma li kellhom jiġu posposti l-intervisti minħabba li waħda mill-applikanti kellha operazzjoni. Is-Sindku talab li għandu jkun hemm talba għall-ħaddiema mill-CWSF sabiex din tassisti fit-tindif. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija kienet diġa resqet talba simili sabiex il-Kunsill jingħata tliet ħaddiema sabiex jassistu fit-tindif u li din it-talba ġiet rifjutata għax m' hemmx ħaddiema ġodda fuq l-iskema. Is-sindku talab li għandha terġa' ssir talba peress li huwa jaf li hemm min irid jieħu transfer għal mal-Kunsill. |
| **9.4.2 Bye-Law Leasing tal-Ground 5 a side** | Is-Sindku semma li wara direzzjoni mill-Kummissarju tal-Protezzjoni tal-Informazzjoni. Din għaddiet għand id-Data Protection Officer tal-Kunsill. |
| **9.4.3 Pjazza Tarxien** | Is-Sindku semma li s-sejħa maħruġa minn Infrastruttura Malta kienet għalqet u li kien hemm żewġ offerti. Semma li issa wieħed jistenna li jibdew jiġu evalwati l-offerti. |
| **9.4.4 Enemalta** | Is-Sindku semma li hemm ftehim mal-Enemalta li bankini li jinqalgħu biex jgħaddu servizz għandhom jiġu rranġati kollha b' mod immedjat mill-Enemalta stess. |
| **9.4.5 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sindku semma li fid-19 ta' Frar kienet ser tibda titqassam it-tieni rivista. Is-Sur Dasier Damato staqsa jekk kienetx intbatitx verżjoni draft qabel intbagħtet għall-istampar. Is-Sa. Nicole Farrugia, kunsillier responsabbli mill-komunikazzzjoni semmiet li wara li kienet ħadet ħafna mill-partijiet li kien hemm fir- |

rapport amministrattiv, kellha tibgħata għall-istampar minħabba deadlines tal-istampar.

Is-Sindku fakkar lis-Sur Dasier Damato sabiex jikkonkludi fuq il-loġistika ta' din l-inizjattiva u jsir il-poster.

**9.4.6 Easter Egg Hunt**

Is-Sur Damato semma li ħafna mil-loġistika kienet lesta, spjega r-rotta li kienet ser tintuża, semma li mhux ser ikun hemm bżonn li wieħed jipprovdi ikel u xorb u semma wkoll li huwa kien qed jistenna mis-Sa. Darlene Vella li kellha tikkordina fuq l-animazzjoni tal-attivita' minn Mascot edukattiv.

**9.4.7 Anzjanita' Attiva**

Is-Sindku semma li din l-attivita' qed tkun ta' suċċess u li l-attendenza telgħet 'il fuq minn 70 persuna. Semma li kull ġimgħa qed ikun hemm sessjonijiet ta' attivita' fiżika. Semma wkoll li l-ispejjeż ta' anzjanita' attiva qed jittieħdu mill-allokazzjoni tal-inizjattivi li l-Kunsill jorganizza.

**9.4.8 Triq San Anard**

Is-Sindku semma li l-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti kienet ser tinżamm is-Sibt, 15 ta' Frar.

**9.4.9 Sfilata tal-Karnival**

Is-Sindku semma li l-attivita' ġiet ikkordinata. Semma li jidher li l-Kunsill għal din l-attivita' ser joħroġ l-ispiża ta' €500 peress li ħafna mill-ispejjeż ser ikunu rkuprati minn fondi ta' skema mnedija mid-Diviżjoni.

**9.4.10 Mental First Aid**

Is-Sindku semma li minkejja li s-Sa. Darlene Vella ma kinitx preżenti fil-laqgħa huwa kien diġa kkomunika magħha fuq is-suġġett. Semma li din ser tiswa lill-Kunsill spiża ta' €2,500 sabiex jingħata taħriġ lill-grupp żgħir ta' 15-il resident. Kien hemm qbil ġenerali li wieħed isib

alternattiva għal dan it-taħriġ u li m' għandux għalfejn ikun taħriġ akkreditat.

Is-Sindku spjega li l-accountants kienu talbu biex jgħollu s-servizz għaldaqstant kienu nġabru kwotazzjonijiet ġodda.

**9.4.11 Kwotazzjonijiet għas-servizz ta' accountant u book keeper**

Is-Segretarju spjega li l-kwotazzjonijiet inġabru u l-Kunsill kien ser ibiddel il-kumpanija tal-accountants u book keepers semmiet ukoll li s-servizz ta' book keeping il-Kunsill għandu bżonnu għal madwar sena sakemm jiġu trattati xi problemi hemm fi chart of accounts u wara dan ix-xogħol jibda isir kollu mill-ħaddiema li dieħla f' April.

**9.4.12 Intervisti għall-Post Vakant fi Skala 11**

Is-Segretarju preżenta r-rapport tal-Board tal-Għażla bir-rakomandazzjoni li l-istess Board għamel. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Glenn Urry, ir-rapport kien approvat.
Is-Segretarju semmiet li jekk ikun hemm qbil l-arranġamenti ma' din l-impjegata jkunu li hija taħdem bejn 7:30am u 15:30 is-sena sħiħa mingħajr nofs ta' nhari fis-sajf. Semmiet ukoll li anki bi qbil mal-impjegati preżenti s-Sibtijiet kienu ser jibqgħu jinħadmu mill-ħaddiema preżenti u li dan kien ukoll maqbul mal-ħaddiema l-ġdida.
Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Dasier Damato kien hemm qbil li wieħed jipproċedi kif rakkomandat.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**9.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.5.1 Is-Sindku semma li huwa flimkien mas-Sa. Nicole Farrugia kienu komplew bi tħejjijiet għal Jum il-Mara. Semma li kif kien spjega din l-attivita' kienet ser tinqasam fuq żewġ attivitajiet, Business Breakfast filgħodu b' mistiedna speċjali fosthom il-Mara tal-Prim Minsitru kif ukoll il-Mara tal-Kap tal-Oppożizzjoni flimkien mad-deputati Parlamentari Nisa tar-Raba' Distrett. Semma li filgħaxija ser tingħata tifkira lil dawk in-nisa kollha li ser ikunu nominati mill-Għaqdiet kif ukoll persuni nominati mill-komunita'. Kien hemm ukoll qbil li jkunu rikonoxxuti persuni li ta sehmhom fil-ħidma tal-Kunsill Lokali.
Semma li l-Għaqdiet ħa jkunu eliġbbli li jinnominaw żewġ persuni kull wieħed u ser jingħataw tmien inviti lil kull Għaqda.

9.5.2 Is-Sindku semma li kienu qed jinġabaru l-kwotazzjonijiet għall-kors ta' food Handling li kien ser isir f' April.

9.5.3 Is-Sindku semma li nhar is-26 ta' Frar kienet ser tkun organizzata konferenza stampa mill-Onor. Owen Boniċi fil-pjazza ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi.

9.5.4 Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta kienu ser jibdew xogħol fi Triq il-Frieres, Triq Lorenzo Gonzi, Triq Kutnett u Triq it-Tamal. Semma li bejn l-20 u t-28 ta' Marzu kien innotifikat li ser jinbeda x-xogħol fi Triq it-Tempji Neolitiċi.
Kien hemm diskussjoni fuq Triq Paola, Tarxien, kien hemm qbil li din għandha ssir wara Lulju bħala parti mill-proġett tal-pjazza u jinbeda x-xogħol wara l-Festi tal-lokal. Rigward il-culverts f'din it-triq semma li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti peress li minn din it-triq jgħaddi t-Trasport Pubbliku l-ħin kollu għaldaqstant ir-residenti iridu jifhmu dan għax ser ikunu hemm ħsejjes matul il-jum kollu. Semmew ukoll li l-qlib ta' triq ma jagħtix għal fuq in-naħa tal-parking u għaldaqstant il-culverts ma jistgħux jiġu taħt il-parkeġġi.

9.5.5 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ser idaħħal formola t' applikazzjoni mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għar-restawr fil-lokal. Is-siti li kien hemm qbil li jiddaħħlu f' din l-applikazzjoni huma: Dar il-Kejka, in-Niċċa tal-Madonna fi Triq tal-Barrani, l-arkata tal-Isqaq Jimmy Farrugia. Is-Sur Glenn Urry semma li quddiem Dar il-Kejka hemm ħafna dlam. Is-Sindku semma li kien sejjer jiċċekja jekk id-dawl li hemm fuq id-dar hux qed ikun mixgħul.

9.5.6 Is-Sindku semma li ħarġet l-iskema Ħaddar il-Lokal minn Project Green. Semma li bħala Kunsill huwa rrakomanda lir-reġjun li tiġi riġenerata fi spazju miftuħ l-art li hemm devoluta lir-Reġjun. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti u għaldasqtant kienet ser issir talba lir-Reġjun biex ikun hu li jagħmel rikjesta għal dan il-proġett.

9.5.7 Is-Sindku semma li nhar 25 ta' Marzu ser ikun hemm l-inawgurazzjoni tal-istatwa Maria Annunzjata biswit il-Ġnien Veliko Turnovo. Semma li l-banda ser tkun qed iddur mar-raħal biex tinawgura din l-istatwa restawrata mill-Kunsill u li għaliha kienu nġiebu fondi mill-Aġenzija Komunita' Malta. Is-Sindku semma li l-banda kienet talbet li jinxtgħelu t-toroq mill-Kunsill Lokali fejn tkun ser jgħaddi l-marċ. Is-Sindku propona u għamilha ċara li l-Kunsill ser ikun qed jassumi l-ispiża tad-dawl għal din id-darba biss peress li kienet ser issir l-inawgurazzjoni tal-istatwa bħala proġett tal-Kunsill. Kien hemm ukoll qbil li jkun mistieden l-Onor. Byron Camilleri. Semmew ukoll li l-Kunsill ser jieħu ħsieb li jġib kantant biex ikanta l-Ave Maria.

9.5.8 Is-Sindku semma li ġewwa Triq Sqajjaq hemm Zebra Crossing bla dawl fejn qed ikun propost li jgħaddi gutter mir-roundabout ta' quddiem Triq it-Tamal u issir id-dawl fuq single arm pole.

### 9.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

9.6.1 Is-Sindku talab lis-Sur Dasier Damato jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu. Is-Sur Damato semma li rigward l-Easter Egg Hunt dan ser jinbeda minn Ġnien Joanne fejn it-tfal ser ikunu akkumpanjati mill-adulti. Ser ikunu qed isibu clues u biex jimxu minn post għall-ieħor dawn iridu jagħmlu tasks żgħar bħal jieħdu ritratt. Semma li ġewwa Ġnien Joanne ikun hemm sessjoni interattiva edukattiva. Semma li ser ikun hemm stands li jqassmu frott u ħaxix lit-tfal.

Is-Sur Dasier Damato semma li anki wara li tkellem mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv minflokk klubb tal-privat għandu jkun hemm Homework Club li jinżamm kull nhar ta' Ġimgħa. Semma li għandha toħroġ sejħa għall-voluntiera.

Semma li l-Kunsill ta' tfal ser jinżamm nhar 26 ta' Frar 2025.

9.6.2 Is-Sindku talab lis-Sa. Nicole Farrugia biex tgħaddi rendikont fuq ħidmitha. Semmiet li fejn jidħlu l-cat feeders ser tkun qed tintbagħat lista aġġornata meta mitluba. Semmiet ukoll li kif semma s-Sindku hija kienet qed taħdem fuq il-koordinazzjoni tal-attivita' tal-Karnival kif ukoll fl-attivita' ta' Jum il-Mara.

9.6.3 Is-Sur Dasier Damato semma li l-Kunsill ta' tfal kien qed jiltaqa'. Semma li kienu qed jissemmew ħafna punti mid-diskussjonijiet ta' tfal u li huwa ser ikun qed iħejji rapport fil-ġimgħat li ġejjin sabiex jippreżentah lill-Kunsill.

9.6.4 Is-Sur Dasier Damato propona li jibdew isiru sessjonijiet ta' tgħallim wara l-ħin tal-iskola offruti mingħajr ħlas lit-tfal tal-lokal. Semma li dan anki jista' jsir b' kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni St Joanne Antide. Semma li wieħed jikkunsidra l-etajiet varji ta' bejn l-ewwel sena primarja u it-tieni sena sekondarja. Wara qbil mill-Kunsill li din l-inizjattiva għandha tibda, is-Sur Damato semma li ser ikun qed ikompli jaħdem fuq il-pjan għal dan il-proġett u jagħti aktar tgħarif fil-laqgħa li jmiss.

9.6.5 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li kull sitt xhur ser jibda jkun hemm aġġornament fuq il-lista ta' Cat Feeders dan anki minħabba l-vouchers li jridu joħorġu għall-ikel mill-Ministeru tal-Annimali.

9.6.6 Is-Sur Glenn Urry semma li huwa jaqbel li l-Kunsill joffri s-servizz tal-użu tal-Pixxina tal-Kottonera għar-residenti.

9.6.7 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li flimkien mas-Segretarju attendiet għal-laqgħa sabiex il-Kunsill ikollu Mobile App li mhux biss tintuża biex wieħed jibbukja servizz imma wkoll bħala Help Desk sabiex tiffaċilita' x-xogħol amministrattiv u jkun hemm channel ta' komunazzjoni dirett mar-residenti. Is-Sa. Nicole tat ħarsa lejn din l-App.
Is-Sindku semma li huwa jisħaq li t-teknoloġija m' għandiex toqtol kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni diretta li r-resident għandu mal-Kunsill.
Is-Sa. Nicole semmiet u kien hemm qbil bejn kulħadd li din il-pjattaforma tati lok lir-resident fejn mhux biss jgħaddi l-ilmenti imma anki s-suġġerimenti u għaldaqstant ikun hemm kollox ċentralizzat u kull kunsillier ikun notifikat b' mod immedjat fuq kummenti li daħlu li jirrigwardjaw id-dekasteri li huwa jieħu ħsieb.

TARXIEN
Local Council

**9.7 Aġġornament**

9.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**